



EBA/GL/2020/09

1 ta' Lulju 2020

Linji Gwida

dwar it-trattament tal-FX strutturali skont
l-Artikolu 352 (2) tar-Regolament (UE)
Nru 575/2013 (CRR)

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA, sa 28.10.2020, dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2020/09". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa sabiex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jipprovdu gwida lill-awtoritajiet kompetenti fl-UE kollha fir-rigward tal-indirizzar tal-pożizzjonijiet tal-kambju strutturali msemmija fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward ta' talbiet għal permess minn istituzzjonijiet li japplikaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali kif ukoll għal talbiet għal permess minn istituzzjonijiet li japplikaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata. Meta l-istituzzjonijiet jitolbu permess f'dawn iż-żewġ livelli, dawn il-linji gwida japplikaw b'mod separat f'kull livell, anke jekk it-talba għal dak il-permess issir fl-istess ħin.
7. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet kollha, irrispettivament minn jekk jikkalkulawx ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju f'konformità mal-approċċ standardizzat imsemmi fit-Titolu IV, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-pożizzjonijiet kollha tagħhom, jew f'konformità mal-approċċ tal-mudell intern imsemmi fit-Titolu IV, il-Kapitolu 5 ta' dak ir-Regolament għall-pożizzjonijiet kollha tagħhom, jew ibbażat fuq wieħed minn dawn l-approċċi għal uħud mill-pożizzjonijiet tagħhom u l-approċċ l-ieħor għall-pożizzjonijiet li jkun fadal.

Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fil-punt i tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-01.01.2022.
11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw, jaġġornaw jew jirrevokaw il-permessi diġà mogħtija fid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

4. Ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti

12. Għall-fini li jingħata l-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu jiġi applikat il-proċess li ġej:
 - (a) it-talbiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ammissibbiltà proċedurali msemmija fit-Taqsima 5 u r-rekwiżiti ta' ammissibbiltà sostantiva msemmija fit-Taqsima 6;
 - (b) kwalunkwe talba li tkun ammissibbli f'konformità mal-punt (a), imbagħad għandha tiġi vvalutata bil-għan li tkun eżaminata l-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mat-Taqsima 7;
 - (c) fir-rigward ta' kwalunkwe talba li tkun instabet konformi mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament f'konformità mal-punt (b), id-daqs tal-pożizzjoni li għandha tiġi eskluża jrid jiġi ddeterminat f'konformità mat-Taqsima 8.
13. Wara l-għoti tal-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu jitwettaq il-monitoraġġ kontinwu tal-permess f'konformità mat-Taqsima 9.

5. Ammissibbiltà proċedurali ta' talba skont l-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

14. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu bħala aċċettabbli s-sottomissjoni ta' aktar minn talba waħda għal permess minn istituzzjoni fl-istess ħin, inkluż meta dawn it-talbiet huma relatati ma' livelli differenti ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew għal aktar minn munita barranija waħda.
15. Fit-talba tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet għandhom jiġġustifikaw kif il-pożizzjonijiet fil-munita li għaliha qed jitolbu l-eżenzjoni jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll:
- (a) il-metodoloġija li biĥsiebhom jużaw sabiex jeskludu l-pożizzjoni mill-pożizzjoni netta miftuħa fil-munita barranija fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju jiġu kkalkulati bl-użu tal-approċċ tal-mudell intern f'konformità mat-Titolu IV, il-Kapitolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (b) il-metodoloġija li jużaw biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju u l-metodoloġija li biĥsiebhom jużaw għat-tneħħija tal-pożizzjoni li għaliha jfittxu l-eżenzjoni mill-pożizzjoni netta miftuħa, fejn jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għar-riskju tas-suq fuq bażi konsolidata mingħajr ma jkollhom il-permess sabiex ipaċu pożizzjonijiet f'xi istituzzjonijiet jew impriżi fil-grupp f'konformità mal-Artikolu 325 ta' dak ir-Regolament.

6. Ammissibbiltà sostantiva ta' talba skont l-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Hedging ta' proporzjon

16. Il-pożizzjoni miftuħa f'munita barranija għandha titqies li tkun qed tagħmel hedging tal-proporzjon meta tnaqqas l-effett negattiv fuq dak il-proporzjon ikkawżat minn tibdil fir-rata tal-kambju, irrISPETTIVAMENT minn jekk dak l-effett ħażin ikunx ġej minn apprezzament jew deprezzament ta' dik il-munita barranija fir-rigward tal-munita tar-rapportar u irrISPETTIVAMENT minn jekk il-pożizzjoni tinżammx għall-hedging tal-proporzjon jew jekk titteħidx għall-hedging tal-proporzjon.
17. It-talba għall-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tispeċifika liema wieħed mit-tliet proporzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 92(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-istituzzjoni għandha l-għan tal-hedging u r-raġuni għall-għażla ta' dak il-proporzjon.

Il-muniti li għalihom hu relatat il-heding

18. It-talba minn istituzzjoni għall-eżenzjoni ta' pożizzjonijiet għandha ssir fir-rigward tal-muniti li jkunu rilevanti għan-negozju tal-istituzzjoni.
19. Għall-fini tal-paragrafu 18, il-muniti li għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti għan-negozju tal-istituzzjoni għandhom ikunu l-ħames muniti li għalihom il-pożizzjonijiet netti miftuħa tal-istituzzjoni kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 352(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jkunu l-akbar.
20. Il-muniti l-oħra li ma jissodisfawx il-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 19 jistgħu jitqiesu rilevanti meta jkun hemm ġustifikazzjoni adegwata li ssostni r-rilevanza tal-munita fin-negozju tal-istituzzjoni.
21. Meta istituzzjoni tixtieq tuża l-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-pożizzjonijiet f'aktar minn munita rilevanti waħda, għandhom japplikaw it-tnejn li ġejjin:
 - (a) l-istess proporzjon bħal dak imsemmi fil-paragrafu 17 għandu jintgħażel fil-kuntest ta' kull waħda minn dawn il-muniti;
 - (b) fil-kalkolu tal-pożizzjoni netta miftuħa massima msemmija fil-paragrafu 31 fil-kuntest ta' munita waħda, l-istituzzjoni għandha twettaq dan daqsliekeku ma ngħatat l-ebda eżenzjoni għal muniti oħra f'konformità mal-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-pożizzjonijiet f'muniti oħra.

Pożizzjonijiet eliġibbli biex jiġu eżentati

Natura tal-portafoll mhux tan-negozjar

22. Il-pożizzjoni fil-munita barranija li ġejja minn element miżmum fil-portafoll tan-negozjar ma għandhiex titqies bħala eliġibbli biex tkun eżentata.

Natura twila tal-pożizzjoni tal-hedging

23. Sabiex pożizzjoni f'munita barranija tiġi kkunsidrata eliġibbli għall-eżenzjoni, in-numeratur tal-proporzjon ta' hedging minn dik il-pożizzjoni għandu jiżdied meta l-munita barranija rilevanti tapprezza fir-rigward tal-munita tar-rapportar.
24. Sabiex pożizzjoni f'munita barranija tiġi kkunsidrata eliġibbli għall-eżenzjoni, dik il-pożizzjoni għandha tkun twila netta fil-livell li fih l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-

riskju tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi konsolidata, japplikaw ukoll il-paragrafi 25 u 26.

25. Meta l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għar-riskju tas-suq fuq bażi konsolidata mingħajr ma jkollha l-permess imsemmi fl-Artikolu 325 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-pożizzjoni tkun qasira netta fil-livell ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew aktar fi ħdan il-grupp, il-pożizzjoni f'dawk l-istituzzjonijiet għandha tkun ġestita għall-iskop uniku tal-hedging tal-proporzjon biex titqies eliġibbli għall-eżenzjoni.
26. Meta l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għar-riskju tas-suq fuq bażi konsolidata li jkollha l-permess imsemmi fl-Artikolu 325 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-pożizzjoni tkun qasira netta fil-livell ta' kwalunkwe subsett ta' istituzzjonijiet fil-grupp li fih il-pożizzjonijiet jkunu jpaċu kif speċifikat f'dak il-permess, jew fil-livell ta' kwalunkwe istituzzjoni oħra fil-grupp li ma tkunx inkluża f'dak il-permess, il-pożizzjoni f'dawk is-subsettijiet ta' istituzzjonijiet jew fl-istituzzjonijiet l-oħra barra mill-permess għandha tiġi ġestita għall-iskop uniku li jkun hemm hedging tal-proporzjon biex titqies eliġibbli għall-eżenzjoni.

7. Eżaminazzjoni tal-merti – il-valutazzjoni tan-natura strutturali tal-pożizzjonijiet u tal-intenzjoni li jsir hedging tal-proporzjon

Valutazzjoni tan-natura strutturali ta' pożizzjoni

27. Il-pożizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala pożizzjonijiet ta' natura strutturali:
- (a) meta l-istituzzjoni li qed titlob il-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tapplika r-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament fuq bażi individwali, pożizzjoni fil-munita rilevanti li tikkorrispondi għall-investimenti f'sussidjarji li jiġu inklużi fl-istess kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni bħall-istituzzjoni li qed titlob il-permess;
 - (b) meta l-istituzzjoni li qed titlob il-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tapplika r-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament fuq bażi konsolidata, pożizzjoni li għaliha jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) tkun ġejja minn investiment f'sussidjarja li tkun ġiet inkluża fil-konsolidazzjoni;
- (ii) il-munita tal-pożizzjoni tikkoinċidi mal-munita tar-rapportar użata mis-sussidjarja li żżomm l-element li għalih tikkorrispondi din il-pożizzjoni.

28. Il-pożizzjonijiet l-oħra li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 27 jistgħu jitqiesu ta' natura strutturali fejn hemm ġustifikazzjoni adegwata li għandha tinbena meta jitqies dan li ġejj:

- (a) jekk dawk il-pożizzjonijiet ikunux relatati man-natura transkonfinali tal-istituzzjoni;
- (b) jekk dawk il-pożizzjonijiet ikunux relatati ma' negozju tal-istituzzjoni li jkun konsolidat u stabbli maż-żmien;
- (c) kif l-istituzzjoni tippjana li tiġġestixxi dawk il-pożizzjonijiet maż-żmien.

Valutazzjoni tal-intenzjoni li jsir hedging tal-proporzjon – il-governanza u l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju tal-pożizzjonijiet strutturali

29. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu li l-pożizzjoni fil-munita rilevanti tkun ittieħdet jew tinżamm għall-fini ta' hedging tal-proporzjon rilevanti, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-istituzzjoni topera u tiddokumenta l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju għall-ġestjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet;
- (b) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) jistabbilixxi l-oġettiv li jsir hedging tal-proporzjon mill-movimenti fir-rata tal-kambju maż-żmien u jipprevedi l-valutazzjoni tiegħu permezz ta' kemm miżuri kwantitattivi kif ukoll kriterji kwalitattivi;
- (c) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) jispeċifika livell massimu aċċettabbli ta' tolleranza għas-sensittività tal-proporzjon fir-rigward tat-tibdil fir-rata tal-kambju u jispeċifika fid-dettall il-kriterji u l-metodoloġija għall-iffissar ta' tali livell ta' tolleranza. Il-kriterji għall-iffissar tal-livell ta' tolleranza għandhom jinkludu l-komponenti kollha li jistgħu jwasslu għal tibdil fil-valur meħud mis-sensittività u kwalunkwe speċifità tal-munita;
- (d) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) jinkludi limitu tat-telf massimu li jkun meqjus aċċettabbli biex jiġġarrab mill-istituzzjoni minħabba l-għażla li żżomm il-pożizzjonijiet li għalihom ikun intalab il-permess imsemmi fl-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

- (e) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) ikun marbut mal-qafas tal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ġenerali tal-istituzzjoni u kwalunkwe dokument rilevanti li jkun ġie approvat mill-maniġment superjuri jew mill-bord tal-istituzzjoni;
- (f) fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) hemm twissija espliċita li l-pożizzjoni miftuħa li tinżamm għall-hadging tal-proporzjon twassal għal telf malli jkun hemm deprezzament tal-munita rilevanti, u li l-hedging tal-proporzjon iwassal għal żieda fil-volatilità tal-fondi proprji minħabba t-tibdil fir-rata tal-kambju rilevanti;
- (g) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) u d-dokumentazzjoni li tiddekrivih, jiġu approvati mill-bord tal-amministrazzjoni tal-istituzzjoni;
- (h) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) jispeċifika strateġija għall-kisba tal-objettiv imsemmi fil-punt (b), li tinkludi tal-anqas dan li ġejj:
 - (i) tiddekrivi d-definizzjoni tal-konfini bejn il-pożizzjonijiet li l-istituzzjoni tikkategorizza bħala strutturali u li jittieħdu bl-iskop tal-hedging tal-proporzjon u dawk li mhumiex, u teħtieġ li tali konfini jintużaw mill-istituzzjoni meta qed tieħu pożizzjoni ġdida fil-munita rilevanti;
 - (ii) tiddikjara l-pożizzjonijiet li l-istituzzjoni biħsiebha tiftaħ jew tagħlaq bl-iskop li tissodisfa l-objettiv imsemmi fil-punt (b);
 - (iii) teħtieġ id-dokumentazzjoni ta' evidenza għal dawn it-tnejn li ġejjin:
 - li l-ftuħ jew l-għeluq ta' dawk il-pożizzjonijiet ma jwassal għall-ebda inkonsistenza fil-ġestjoni tar-riskju ġenerali tal-istituzzjoni jew fil-ġestjoni tar-riskju li kwalunkwe entità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni tista' tapplika fuq bażi individwali;
 - li l-ftuħ jew l-għeluq ta' dawk il-pożizzjonijiet ikun konsistenti mal-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju li kwalunkwe entità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni jista' jkollha meta qed tapplika d-dispożizzjoni tal-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-iskop tal-hedging ta' proporzjonijiet fuq livell ieħor ta' konsolidazzjoni;
 - (iv) fejn applikabbli, din tiddekrivi kif il-pożizzjonijiet li jkunu ttieħdu bl-uniku skop ta' hedging tal-proporzjon f'konformità mal-paragrafi 25 u 26 jiġu ġestiti sabiex ikun sodisfat l-objettiv imsemmi fil-punt (b);
- (i) l-istrateġija msemmija fil-punt (h) għandha firxa ta' żmien ta' mill-anqas sitt xhur;

- (j) id-dokumentazzjoni li tiddekrivi l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) tinkludi dan kollu li ġejj:
- (i) tiddekrivi d-*data* u ċ-ċifri tal-kapital li jintużaw għall-komputazzjoni tal-miżuri kwantitattivi msemmija fil-punt (b) u l-pożizzjoni netta miftuħa massima msemmija fil-paragrafu 31;
 - (ii) fejn l-istituzzjoni ħadet xi pożizzjonijiet bl-uniku skop ta' hedging tal-proporzjon f'konformità mal-paragrafi 25 u 26, din tinkludi l-evidenza li dawk il-pożizzjonijiet ittieħdu biss għal dak il-għan;
 - (iii) tiddekrivi s-simplifikazzjonijiet li jsiru għall-iskop tal-komputazzjoni tal-pożizzjoni netta miftuħa massima u l-analiżi tal-effett ta' dawn is-simplifikazzjonijiet fuq il-valur meħud minn dik il-pożizzjoni netta miftuħa massima f'konformità mal-paragrafu 31, billi tipprovdni tal-anqas analiżi tad-distakk li turi li s-simplifikazzjonijiet imwettqa ma jwasslux għal sovrastima tal-pożizzjoni netta miftuħa massima.

8. Daqs tal-pożizzjoni li għandha tiġi eskluża

30. Id-daqs tal-pożizzjoni li għandha tiġi eskluża f'konformità mal-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-proċess li ġejj:
- (a) billi l-ewwel tiġi kkalkulata l-pożizzjoni netta miftuħa massima fil-munita rilevanti, f'konformità mal-paragrafu 31;
 - (b) billi mbagħad jiġi mqabbel id-daqs tal-pożizzjoni strutturali li l-istituzzjoni tkun ħadet għall-hedging tal-proporzjon u, skont id-daqs ta' dik il-pożizzjoni, jiġi applikat jew il-paragrafu 33 jew il-paragrafu 34.
31. L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjoni netta miftuħa massima f'konformità mal-formuli li ġejjin:
- (a) fejn l-istituzzjoni timmira lejn il-hedging tal-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ta' ekwità komuni (CET1), f'konformità mal-formula li ġejja:

$$MaxOP_{FC} = CET1 \cdot \frac{RWA_{NoFX_{FC}}(1.01 \cdot FX_{FC}) - RWA_{NoFX_{FC}}(FX_{FC})}{0.01 \cdot FX_{FC}} \cdot \frac{1}{RWA_{NoFX_{FC}}(FX_{FC})}$$

fejn:

FC = il-munita tal-pożizzjoni strutturali;

$MaxOP_{FC}$ = il-pożizzjoni netta miftuħa massima espressa fil-munita barranija FC ;

$CET1$ = l-Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni espressa fil-munita tar-rapportar;

FX_{FC} = ir-rata tal-kambju spot bejn il-munita tar-rapportar u l-munita barranija FC tal-pożizzjoni strutturali;

$RWA_{NoFX_{FC}}(.)$ = l-ammont tal-iskopertura ta' riskju totali espress fil-munita tar-rapportar ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, esklużi r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għall-pożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-munita barranija FC ;

(b) fejn l-istituzzjoni għandha l-għan li tagħmel hedging tal-proporzjon tal-Grad 1, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$MaxOP_{FC} = T1 * \frac{RWA_{NoFX_{FC}}(1.01 \cdot FX_{FC}) - RWA_{NoFX_{FC}}(FX_{FC})}{0.01 \cdot FX_{FC}} \cdot \frac{1}{RWA_{NoFX_{FC}}(FX_{FC})} - AT1_{FC}$$

fejn:

FC = il-munita tal-pożizzjoni strutturali;

$MaxOP_{FC}$ = il-pożizzjoni netta miftuħa massima espressa fil-munita barranija;

$T1$ = il-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni espress fil-munita tar-rapportar;

FX_{FC} = ir-rata tal-kambju spot bejn il-munita tar-rapportar u l-munita barranija FC ;

$RWA_{NoFX_{FC}}(.)$ = l-ammont tal-iskopertura ta' riskju totali espress fil-munita tar-rapportar ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, esklużi r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għall-pożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-munita barranija FC ;

$AT1_{FC}$ = il-valur derivat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AT1_{FC} = \frac{V_{AT1}(1.01 \cdot FX_{FC}) - V_{AT1}(FX_{FC})}{0.01 \cdot FX_{FC}}$$

fejn:

V_{AT1} = il-valur tal-portafoll espress fil-munita tar-rapportar kostitwita mill-istrumenti kollha tal-Grad 1 Addizzjonali maħruġa mill-istituzzjoni;

- (c) fejn l-istituzzjoni għandha l-għan li tagħmel hedging tal-proporzjon tal-kapital totali, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$MaxOP_{FC} = OF * \frac{RWA_{NoFX_{FC}}(1.01 \cdot FX_{FC}) - RWA_{NoFX_{FC}}(FX_{FC})}{0.01 \cdot FX_{FC}} - AT1_{FC} - T2_{FC}$$

fejn:

OF = il-fondi proprji tal-istituzzjoni espressi fil-munita tar-rapportar;

$MaxOP_{FC}$ = il-pożizzjoni netta miftuħa massima espressa fil-munita barranija;

$RWA_{NoFX_{FC}}(\cdot)$ = l-ammont tal-iskopertura ta' riskju totali espress fil-munita tar-rapportar ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, esklużi r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għall-pożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-munita barranija FC tal-pożizzjoni strutturali;

FX_{FC} = ir-rata tal-kambju spot bejn il-munita tar-rapportar u l-munita barranija FC tal-pożizzjoni strutturali;

$AT1_{FC}$ = il-valur derivat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AT1_{FC} = \frac{V_{AT1}(1.01 \cdot FX_{FC}) - V_{AT1}(FX_{FC})}{0.01 \cdot FX_{FC}}$$

fejn:

V_{AT1} = il-valur tal-portafoll espress fil-munita tar-rapportar kostitwit mill-istrumenti kollha tal-Grad 1 Addizzjonali maħruġa mill-istituzzjoni;

$T2_{FC}$ = il-valur derivat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$T2_{FC} = \frac{V_{T2}(1.01 \cdot FX_{FC}) - V_{T2}(FX_{FC})}{0.01 \cdot FX_{FC}}$$

fejn:

V_{T2} = il-valur tal-portafoll espress fil-munita tar-rapportar kostitwit mill-istrumenti kollha tal-Grad 2 maħruġa mill-istituzzjoni.

32. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw simplifikazzjonijiet meta qed jikkalkulaw il-pożizzjoni netta miftuħa massima f'konformità mal-paragrafu 31 biss fejn jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) dawn ikunu kapaċi juru l-effett ta' dawn is-simplifikazzjonijiet fuq il-valur tal-pożizzjoni netta miftuħa massima;
 - (b) l-effett tas-simplifikazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ma jirrappreżentax sovrastima tal-pożizzjoni netta miftuħa massima.
33. Meta d-daqs tal-pożizzjoni li l-istituzzjoni tkun ħadet għall-hedging tal-proporzjon ikun anqas mill-pożizzjoni netta miftuħa massima, il-pożizzjoni strutturali kollha għandha tiġi eskluża mill-kalkolu tal-pożizzjoni netta miftuħa.
34. Meta d-daqs tal-pożizzjoni li l-istituzzjoni tkun ħadet għall-hedging tal-proporzjon jeċċedi l-pożizzjoni netta miftuħa massima, huwa biss il-proporzjon ta' dik il-pożizzjoni strutturali li jikkorrispondi fid-daqs mal-pożizzjoni netta miftuħa massima li għandu jiġi eskluż mill-kalkolu tal-pożizzjoni netta miftuħa.
35. Il-pożizzjonijiet li jikkorrispondu ma' elementi mhux monetarji miżmuma b'kost storiku, elementi li jkunu tnaqqsu mill-fondi proprji tal-istituzzjoni u elementi li jistgħu jwasslu għal qligħ jew telf li ma jħallix impatt fuq il-kapital ta' CET1 ma għandhomx jiġu kkunsidrati għall-iskop tal-paragrafu 33 u l-paragrafu 34 u għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-pożizzjoni netta miftuħa flimkien mal-pożizzjoni li tkun ġiet eskluża f'konformità ma' dawk il-paragrafi.

9. Il-monitoraġġ kontinwu tal-permess

36. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-kalkolu tal-pożizzjoni netta miftuħa massima tal-anqas kull xahar. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet biex jikkomputaw il-pożizzjoni netta miftuħa massima u s-sensittività fi kwalunkwe ħin.
37. Għal kull waħda mill-muniti li għaliha l-istituzzjonijiet ikollhom il-permess mill-awtorità kompetenti biex jeskludu xi pożizzjonijiet mill-pożizzjoni netta miftuħa korrispondenti, l-

istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw iċ-ċifri li ġejjin fuq bażi ta' kull xahar u jirrapportawhom lill-awtorità kompetenti fuq bażi trimestrali:

- (a) il-pożizzjoni netta miftuħa fil-munita qabel kwalunkwe permess;
- (b) il-pożizzjoni netta miftuħa li tkun ġejja minn pożizzjonijiet fil-munita li ma jkunux strutturali;
- (c) id-daqs tal-pożizzjoni netta miftuħa li tkun strutturali u li tkun ittiegħdet għall-hedging tal-proporzjon;
- (d) il-pożizzjoni netta miftuħa massima ($MaxOP$) ikkalkulata f'konformità mal-paragrafu 31;
- (e) iż-żewġ sensitivitàjiet li ġejjin:

$$(i) \text{ sensitivity}_1 = \frac{S_{OP} - MaxOP_{FC}}{RWA_{NoFXFC}}$$

fejn:

S_{OP} = id-daqs tal-pożizzjoni netta miftuħa fil-munita barranija li tkun strutturali u li l-istituzzjoni tkun ħadet għall-hedging tal-proporzjon, esklużi l-pożizzjonijiet li jikkorrispondu ma' kwalunkwe wiegħed mill-elementi li ġejjin:

- elementi li tnaqqsu mill-fondi proprji tal-istituzzjoni;
- elementi mhux monetarji li jinżammu f'kost storiku;
- elementi li jistgħu jwasslu għal qligħ jew telf li ma jħallix impatt fuq il-kapital ta' CET1 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

$MaxOP_{FC}$ = il-pożizzjoni netta miftuħa massima kkalkulata f'konformità mal-paragrafu 31;

FC = il-munita tal-pożizzjoni strutturali;

RWA_{NoFXFC} = l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE), esklużi r-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju tal-kambju għall-pożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-munita barranija FC ;

- (ii) is-sensittività tal-proporzjon tal-kapital fir-rigward tat-tibdil fir-rata tal-kambju kif ikkalkulata mill-istituzzjoni;



- (f) il-valutazzjoni kwalitattiva li tiddikjara r-raġunijiet għal kwalunkwe tibdil fl-ammont tal-pożizzjoni netta miftuħa msemmija fil-punt (c) u l-valuri meħuda miż-żewġ sensittivitajiet imsemmija fil-punt (e);
- (g) ir-rata tal-kambju spot bejn il-munita tar-rapportar u l-munita barranija *FC* fid-data ta' referenza;
- (h) kwalunkwe tibdil ippjanat relatat mat-talba lill-awtorità kompetenti;
- (i) il-perċentwal tal-ammonti peżati għar-riskju tal-kreditu totali fil-munita barranija fir-rigward tal-ammonti peżati għar-riskju totali tal-istituzzjoni.